MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 962/2007/1

**Charles Grech**

**v.**

**Atlas Insurance PCC Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ Charles Grech ipprezentat fl-14 ta’ Settembru 2007 li permezz tieghu jesponi:

“1. Illi l-esponent kien il-proprjetarju tal-vettura tal-marka BMW 530D *‘with full extras’* targata MRG-050 liema karozza kienet matul is-sena 2006 assigurata mas-socjeta` ntimata ghall-prezz ta’ tlieta u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm23,000) skont polza *‘comprehensive’* numru 88236591001.

“2. Illi fil-perijodu li fiha kienet operattiva l-polza l-vettura msemmija sfat misruqa minn tas-Sliema bejn l-4 u 7 ta’ Settembru 2006;

“3. Illi wara li l-esponent irregistra *‘claim’* bin-numru M20061658 is-socjeta` ntimata accettat li tindenninzah a tenur tal-polza.

“4. Illi pero` nonostante l-fatt li l-imsemmija vettura kienet assigurata ghall-prezz ta’ tlieta u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm23,000), u nonostante l-fatt li s-socjeta` ntimata accettat il-premium relattiv fuq dan il-prezz, is-socjeta` intimata qabdet u arbitrarjament iffissat il-*‘market value’* tal-karozza BMW 530D *‘with full extras’* fis-somma ta’ sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000) u dan bhala indennizz dovut lill-esponent.

“5. Illi meta l-esponent ipprotesta dwar dan l-ammont offrut ta’ sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000) ghax ma jirriflettix il-*‘market value’* reali ta’ meta nsterqet il-karozza, is-socjeta` ntimata ghaddiet ghad-depozitu tas-somma offruta bic-Cedola ta’ Depozitu numru 180/2007 u dan wara li naqset ukoll l-ispejjez tal-istess Cedola (ara Dok. “A” hawn unit).

“6. Illi l-esponent inkariga zewg *surveyors* li ghamlu stima tal-*‘market value’* tal-karozza inkwistjoni fl-ammont ta’ dsatax-il elf Lira Maltin (Lm19,000) u ta’

dsatax/ghoxrin elf Lira Maltin (Lm19,000/Lm20,000) rispettivament (ara Dok. “B” u Dok. “C” hawn uniti).

“Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata thallsu s-somma ta’ ghoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000), jew dik is-somma l-ohra verjuri li tillikwida din l-Onorabbli Qorti, bhala indennizz dovut lilu wara li avvera ruhu r-riskju (serq) li kienet koperta mill-Polza ta’ Assigurazzjoni *‘comprehensive’* numru 88236591001 mahruga mis-socjeta` konvenuta fir-rigward tal-vettura tal-marka BMW 530D targata MRG-050 *‘with full extras’* proprjeta` tal-attur.

“Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data meta giet registrata l-*‘claim’* numru M20061658 kontra s-socjeta` ntimata minn issa ngunta biex tidher personalment ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta tas-socjeta` Atlas Insurance PCC Limited ipprezentata fis-17 ta’ Ottubru 2007 li permezz taghha tesponi:

“1. Ir-rikorrent assikura mal-esponenti vettura BMW 530D Nru. MRG 050 skont polza *‘comprehensive’* Nru. 88236591001.

“2. Il-vettura de qua sfat misruqa fiz-zmien meta kienet operattiva l-polza.

“3. Saret claim (Nru. M20061658) lill-esponenti fejn ir-rikorrent talab indennizz skond il-polza.

“4. A tenur tal-pattijiet u kundizzjonijiet tal-polza, l-ammont li r-rikorrent kien intitolat jippercepixxi bhala indennizz kien sittax-il elf Lira (Lm16,000) kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“5. **Qabel saret din il-kawza**, l-esponenti accettat li tindennizza lir-rikorrent bis-somma ta’ Lm16,000 ghas-saldu tal-pretensjonijiet tieghu.

“6. Min-naha tieghu, ir-rikorrenti arbitrarjament irrifjuta l-ammont li l-esponenti riedet thallas ghax ippretenda li l-indennizz attwalment dovut lilu kien ta’ tlieta u ghoxrin elf Lira (Lm23,000).

“7. Ghax ir-rikorrent baqa’ jinsisti fuq indennizz ta’ Lm23,000, l-esponenti effettwat depositu taht l-awtorita` ta’ din il-Qorti fit-13 ta’ Frar 2007 tal-ammont fuq riferit ta’ Lm16,000 permezz ta’ cedola ta’ depositu Nru. 180/2007 **(Dok.ZM)** wara r-rifjut da parti tar-rikorrent.

“8. Kien biss wara li saret ic-cedola Nru. 180/2007 li r-rikorrent hareg bir-rapporti tas-*surveyors* Joseph Zammit u Philip Zammit. Tal-ewwel ghamel ir-rapport DOK.B li m’ghandux data. It-tieni ghamel ir-rapport DOK.C li huwa datat 4 ta’ Settembru 2007. Bhala fatt dawn iz-zewg *surveyors* jaslu ghall-figura prattikament fin-nofs ta’ bejn l-ammont li l-esponenti kienet accettat li thallas (Lm16,000) u l-ammont li r-rikorrent ried li jithallas (Lm23,000).

“9. Fi kwalunkwe kaz, l-epsonenti la ghandha tinkorri imghax lanqas tbati spejjez gudizzjarji.

“10. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.”

Rat il-verbali komprizi t-traskrizzjonijiet tad-deposizzjonijiet;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-18 ta’ Marzu 2011 li permezz taghha l-Qorti filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u

kkundannat lill-istess konvenuta thallas is-somma komplessiva ta’ erbgha u erbghin elf, u mitejn u hamsin Euro (€44,250) oltre imghaxijiet kif mitluba fl-att promotur;

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet;

> “2. L-attur fisser illi huwa kien is-sid tal-vettura tal-marka *BMW 530D* “*with full extras*” targata MRG-050. Din il-karrozza matul is-sena 2006 kienet assikurata mas-soċjetà konvenuta għal valur ta’ tlieta u għoxrin elf lira (Lm23,000) – daqs tlieta u ħamsin elf, ħames mija u ħamsa u sebgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€53,575.59) – taħt polza *comprehensive*. Il-karrozza nsterqet minn tas-Sliema bejn l-4 u s-7 ta’ Settembru 2006, meta kienet għadha fis-seħħ il-polza.

> “3. L-attur għamel talba għall-indennizz mal-konvenuta u l-konvenuta aċċettat li tindennizzah taħt il-polza, iżda għalkemm il-karrozza kienet assikurata għal tlieta u għoxrin elf lira (Lm23,000), u l-konvenuta kienet aċċettat *premium* kalkolat fuq dak il-valur, il-konvenuta arbitrarjament iffissat il-valur tal-karrozza fis-suq fis-somma ta’ sittax-il elf lira (Lm16,000) – daqs sebgħa u tletin elf, mitejn u disgħa u sittin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€37,269.97). Meta l-attur ma aċċettax dan l-ammont il-konvenuta iddepożitatu, wara li naqqset l-ispejjeż taċ-ċedola, fir-reġistru tal-qorti biċ-ċedola numru 180/2007.

> “4. L-attur qabbad żewġ *surveyors* biex jagħmlu stima ta’ kemm kienet tiswa fis-suq il-karrozza: wieħed ħareġ bi stima ta’ dsatax-il elf lira (Lm19,000) – daqs erbgħa u erbgħin elf, mitejn u tmienja u ħamsin euro u disa’ ċenteżmi (€44,258.09) – u l-ieħor bi stima ta’ għoxrin elf lira (Lm20,000) – daqs sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€46,587.47).

> “5. L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallsu għoxrin elf lira (Lm20,000) – daqs sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€46,587.47) – jew somma oħra li tiġi likwidata mill-qorti bħala indennizz wara li seħħ ir-riskju ta’ serq tal-karrozza tiegħu li kontra tiegħu kien assikurat taħt

polza ta' assikurazzjoni maħruġa mill-konvenuta; qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż u l-imgħax minn dakinhar meta għamel it-talba għall-indennizz (*claim*) mal-konvenuta.

"6. Is-soċjetà konvenuta wieġbet fis-17 ta' Ottubru 2007[1].

"7. Dwar il-fatti tal-kawża – ħlief għall-valur tal-karrozza tal-attur – hemm qbil bejn il-partijiet. L-attur kien xtara l-karrozza fl-2001 meta kienet tiswa erbgħa u tletin elf u tlieta u sebgħin lira u tmintax-il ċenteżmu (Lm34,073.18) – daqs disgħa u sebgħin elf, tliet mija u disgħa u sittin euro u sittax-il ċenteżmu (€79,369.16), għalkemm l-attur kien ħallas anqas minn hekk għax ingħata skont. Għas-sena 2006 kienet assikurata, ukoll kontra serq, għal tlieta u għoxrin elf lira (Lm23,000) mas-soċjetà konvenuta, wara li għas-sena ta' qabel kienet assikurata għall-istess valur u għas-sena ta' qabel dik – l-2004 – kienet assikurata għal valur ogħla ta' ħamsa u għoxrin elf lira (Lm25,000). L-attur ħallas, u l-konvenuta aċċettat, il-*premium* kalkolat fuq il-valur imniżżel fil-polza.

"8. Il-karrozza nsterqet f'Settembru tal-2006 meta kienet fis-seħħ il-polza. L-attur għamel talba għal indennizz taħt il-polza u l-konvenuta aċċettat, iżda offriet biss ħmistax-il elf lira (Lm15,000) – daqs erbgħa u tletin elf, disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (€34,940.60). L-attur irrifjuta l-offerta. Il-konvenuta mbagħad offriet vettura oħra tal-istess marka iżda l-attur irrifjutaha għax ma kellhiex l-istess *extras* li kellha l-vettura misruqa. Il-konvenuta żiedet l-offerta tagħha għal sittax-il elf lira (Lm16,000) – daqs sebgħa u tletin elf, mitejn u disgħa u sittin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€37,269.97), iżda l-attur reġa' irrifjuta. Il-konvenuta mbagħad iddepożitat b'ċedola din l-aħħar somma, wara li naqqset l-ispejjeż ġudizzjarji, u l-attur fetaħ il-kawża tallum.

"9. Billi l-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa kuntratt ta' indennizz, li jfisser illi l-assikurat ma jistax taħt il-kuntratt jagħmel qligħ jew jieħu aktar minn kemm ikun tilef, li huwa relevanti għall-kawża tallum huwa kemm kienet tiswa l-vettura fis-suq meta nsterqet, ukoll jekk kienet assikurata għal valur ogħla. Fil-fatt l-attur ma huwiex jitlob daqskemm jidher fuq il-polza imma daqskemm jidhirlu li l-karrozza kienet tiswa fis-suq. Biex jagħmel din il-prova tal-valur tas-suq l-attur jistrieħ fuq ix-xiehda ta' żewġ esperti fl-istima ta' vetturi.

---

[1] *Foll.* 31 *et seq.*

"10. Ix-xhud Joseph Zammit, imressaq mill-attur, wara li qies il-fatturi kollha relevanti għamel stima ta' dsatax-il elf lira (Lm19,000)[2] waqt illi x-xhud Philip Zammit, ukoll imressaq mill-attur, għamel stima ta' bejn dsatax-il u għoxrin elf lira (Lm19,000-20,000)[3].

"11. Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta ressqet lil Joseph Cortis, impjegat tagħha, li wasal għal stima ta' bejn wieħed u ieħor ħmistax-il elf u ħames mitt lira (Lm15,500)[4] – daqs sitta u tletin elf, mija u ħames euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€36,105.29).

"12. L-esperti mressqa *ex parte* mill-attur u dak imressaq mill-konvenuta (li naturalment ebda wieħed minnhom ma ra l-vettura nfisha għax kienet misruqa) ma jaqblux bejniethom għax waqt illi x-xhud tal-konvenuta mexa fuq *value guide book* maħruġ mill-industrija tal-assikurazzjoni relativ għal karrozza bħal dik tal-attur, u għalhekk ħareġ b'valur li jista' jitqies tipiku, ix-xhieda tal-attur qiesu l-fatturi speċifiċi tal-karrozza tal-attur, fosthom l-*extras* partikolari li kellha, u għalhekk ħarġu b'valur aktar speċifiku.

"13. Il-qorti hija tal-fehma illi meta tqis il-fatturi relativi għal ħaġa speċifika tasal għal valur aktar reali u ekwu milli jekk timxi fuq valur tipiku. Barra minn hekk, ix-xhieda mressqa mill-attur huma xhieda disinteressati waqt illi Joseph Cortis, l-espert tal-konvenuta, stqarr illi "l-valur tiegħi ħriġtu a bażi ta' jiena naħdem ma' *Atlas Insurance* [il-konvenuta] fl-aħħar mill-aħħar"[5] – ammissjoni ċara u sinċiera illi l-istima tiegħu ma kinitx għal kollox disinteressata!"

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li permezz tieghu talbet li s-somma pagabbli lill-attur tkun ridotta ghal sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000) (ossija sebgha u tletin elf, mitejn, disgha u sittin Euro u sebgha u disghin centezmi [€37,269.97]), tkun michuda t-talba ghall-imghaxijiet u li billi hija offriet dan il-hlas mill-bidu, li anke l-ispejjez jigu addossati lill-appellat;

---

2 *Foll.* 7 *et seqq.*
3 *Fol.* 28.
4 *Foll.* 204 *et seq.*
5 *Fol.* 190.

Rat ir-risposta tal-attur appellat li permezz taghha talab il-konferma tas-sentenza inkwistjoni;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Novembru 2014 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukat tal-appellat tratta l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal kawza huma spjegati fid-dettal fl-atti msemmija u fid-decizjoni tal-ewwel Qorti u ma hemmx lok li wiehed joqghod jirrepetihom fit-tul. Il-kawza ticcentra dwar il-valur ta' vettura assigurata mill-appellat mas-socjeta` appellanti. Il-valur assigurat qabel l-incident kien tlieta u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm23,000) u kien ghal dan l-ammont li l-attur talab fir-rikors promotur filwaqt li s-socjeta` appellanti offriet sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000) u ddepozitat l-istess ammont taht l-Awtorita` tal-Qorti meta l-attur appellat ma accettax din l-offerta.

**<u>Dokument esebiti mar-Rikors tal-Appell</u>**

Qabel xejn il-Qorti trid tara jekk id-dokumenti esebiti mis-socjeta` appellanti mar-rikors tal-appell ghandhomx jigu sfilzati minnha peress li saret talba f'dan is-sens mill-appellat.

Huwa evidenti li f'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell ghandha certa diskrezzjoni biex tammetti lill-partijiet jipprezentaw xhieda jew dokumenti li ma gewx prezentati waqt it-trattazzjoni tal-kawza fl-wwel grad u meta jkun hemm opposizzjoni ghal dan, hija ghandha l-fakolta` li tikkonsidra dan. Dan ghandu jsir skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 12 u huwa evidenti li dak li seta' gie prodott quddiem l-ewwel Qorti ma ghandux bhala regola jigi ammess bhala prova quddiem il-Qorti tal-Appell tenut kont tal-funzjoni taghha ta' Qorti ta' Revizjoni (ara **Dottor Eric Mamo nomine v. Joseph Muscat,** Qorti tal-Appell, 5 ta' Ottubru 1998 u **Salvu Busuttil v. Veneranda Busuttil,** Qorti tal-Appell, 27 ta' Frar 1985 u s-sentenza riportata fil-Vol, XXXVIII-I-382 **Carmelo Zammit v. Salvatore Mifsud;** Appell **Buxom Poultry Limited v. Kummissarju tal-Artijiet** deciza fl-24 ta' Gunju 2011 provvediment).

F'din il-kawza s-socjeta` appellanti esebit mar-rikors taghha tliet dokumenti li certament kienu a disposizzjoni taghha waqt il-kors tal-kawza fl-ewwel grad. Dawn infatti jirrigwardjaw il-kwalifiki tal-espert prodott minnha u l-valur tal-vettura inkwistjoni fil-mument li din insterqet. Ghalhekk filwaqt li ma tordnax l-isfilz ta' dawn id-dokumenti in vista ta' dak previst fl-Artikolu 145 tal-Kap. 12, il-

Qorti tilqa' l-oggezzjoni tal-appellat fis-sens li tiddikjara li d-dokumenti inkwistjoni ma ghandhomx valur probatorju f'dan l-istadju.

**<u>Aggravji tal-Appellanti</u>**

L-aggravji tal-konvenuta appellanti huma **erbgha**; **l-ewwelnett** illi l-Qorti kellha taghti piz akbar lill-espert *ex parte* taghha milli lill-dawk prodotti mill-attur; **it-tieni** li l-Qorti kienet zbaljata fil-likwidazzjoni tal-*quantum* tal-indennizz; **it-tielet** li l-Qorti qatt ma kellha tikkundanna ghal hlas tal-imghax billi ghamlet id-depositu gudizzjarju gia` msemmi u **fl-ahharnett** li allura hija ma kellhiex tbati spejjez ghar-ragunijiet imsemmija.

Fuq **l-ewwel** aggravju s-socjeta` appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti aktar tat piz lill-esperti *ex parte* prodotti mill-appellat milli lil dak prodott minnha li skont l-appellanti huwa palesament aktar kwalifikat.

Naturalment il-prova mressqa tramite espert *exparte* saret ammissibbli bl-introduzzjoni tal-Artikolu 563(A) (1) tal-Kap. 12 – u dan huwa wkoll konfermat minn sentenzi tal-Qrati taghna bhal dawk fl-ismijiet **Caruana v. Agius** (12 ta' Jannar 2001) u **Ghirlando nomine v. Elbelassy** (3 ta' Ottubru 2002) it-tnejn decizi mill-Prim'Awla.  F'din l-ahhar sentenza l-Qorti accenat kjarament ghall-kwalifiki tal-persuni li jkunu gew prodotti bhala tali.

L-appellanti tikkritika lill-ewwel Qorti ghaliex din traskurat l-opinjoni tal-espert prodott minnha Joseph Cortis semplicement ghaliex huwa impjegat mal-istess socjeta` appellanti. Infatti l-Qorti semmiet fis-sentenza l-fatt li dan ix-xhud qal fid-deposizzjoni tieghu li *"il-valur tieghi hrigtu a bazi ta' jiena nahdem ma' Atlas Insurance."*

Din il-Qorti pero` taqbel mal-gudizzju tal-ewwel Qorti; minghajr dubju s-Sur Cortis huwa persuna ta' kwalifiki u esperjenza notevoli bhal *surveyor* u stimatur ta' vetturi izda l-Qorti ma setghetx ma tiehux inkonsiderazzjoni l-fatt li huwa impjegat mas-socjeta` appellanti. Dan naturalment minghajr ma wiehed minimament ma jiddubita mill-professjonalita` u l-onesta` tieghu.

Barra minnhekk l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma x-xhieda tat-tliet esperti li tresqqu quddiemha u waslet ghall-konkluzjoni taghha a bazi ta' dak li semghet u rat. Din il-Qorti hi tal-fehma allura li tkun qed tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti minghajr ebda gustifikazzjoni jekk tirrevoka din il-parti tas-sentenza.

Wiehed jista' jiccita diversi sentenzi f'dan is-sens; per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **Vella v. Tabone** deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru 2002 fejn intqal illi l-Qorti tal-Appell tiddisturba l-apprezzamenti fattwali tal-ewwel Qorti

biss *"ghal ragunijiet serjissimi u dan biex tikkoregi zball manifest li jekk ma jigix tempestivament korrett ikun sejjer jikkawza ingustizzja cara."*

Sentenzi ohra f'dan is-sens huma dawk ta' din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) illi qalet li *"il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li *"Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor."*

Din il-Qorti kif doveruz (vide **Attard et v. Direttur tas-Sahha,** Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014) f'kull kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti inkwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja. F'dan il-kaz jidrilha li ma hemm ebda raguni biex twarrab il-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti anzi tikkondividihom pjenament. L-esperti mressqa mill-appellat ukoll ghandhom esperjenza vasta fil-qasam u fic-cirkostanzi (wiehed jifhem id-diffikolta` li jistmaw vettura li ma kienux raw

qabel) huwa evidenti ghall-Qorti li espletaw l-inkarigu taghhom b'mod professjonali u  mhux semplicement qaghdu fuq dak li qalilhom l-appellat; infatti l-istima ta' Joseph Zammit (li fuqha strahet il-Qorti) kienet anqas mill-ammont mitlub mill-attur fir-rikors promotorju tieghu.

Ghalhekk l-ewwel aggravju huwa michud.

Fir-rigward **tat-tieni aggravju** minghajr dubju *"il-hlas kontemplat f'kuntratt ta' assigurazzjoni huwa wiehed ta' indenniz u mhux ta' rizarciment, ta' natura pekunjarja u kontenut determinabbli fil-mument li fih jigi verifikat it-telf. Dan fis-sens li ghandu jekwivali ghat-telf subit fil patrimonju tieghu.  Minn dan jitnissel li fl-accertament tat-telf ma tistax tigi attribwit lil haga assikurata valur superjuri minn dak li kellha fil-mument tas-sinistru"* (**Chetcuti v. Citadel Insurance,** Qorti tal-Appell Inferjuri, 15 ta' Frar 2006).

Din is-sentenza hija citata mill-appellanti fis-sens li l-istess sentenza akkordat lill-attur bhala indenniz il-valur tal-vettura tieghu skont il-manwal "Motor Vehicle Values" ghas-sena relattiva.  Madankollu, f'dik il-kawza ma kienux tressqu esperti *ex parte* u allura l-Qorti necessarjament kellha tistrieh fuq dak il-valur.  Oltre dan il-mertu tal-kawza kienet aktar *non disclosure* milli l-valur tal-oggett distrutt *ut sic*.

Fil-kawza fl-ismijiet **Camilleri v. Middlesea Insurance** (**Appell Inferjuri, 4 ta' Mejju 2005)** intqal illi *"il-funzjoni primarja tal-obbligazzjoni ta' risarciment huwa ta' kumpensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u tar-restawr almenu 'par equivalent' tal-qaghda antecedenti ghal fatti. Dan f'somma li tekwipara l-valur reali tal-utilitajiet mitlufa"*. L-istess sentenza izzid tghid illi *"Hu kjarament desumibbli ... li kull konsegwenza partimonjali negattiva ghall-attrici trid tigi kalkolata skont parametri oggettivi tas-suq fil-mument tas-sinsitru*.*"*

Huwa evidenti illi dan l-aggravju huwa marbut intimament mal-aggravju precedenti. Kwindi ladarba din il-Qorti qed taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li t-telf li sofra l-appellat kien jammonta ghas-somma ta' erbgha u erbghin elf, mitejn u hamsin Euro (€44,250) kif stmat mill-espert Zammit allura anke dan l-aggravju huwa michud.

**It-tielet aggravju** jirrigwardja l-fatt li l-ewwel Qorti ordnat il-hlas tal-imghaxijiet b'effett mid-data meta l-appellat irregistra l-*claim* tieghu mas-socjeta` appellanti. L-appellanti jsostni illi semmai l-imghax ghandu jiddekorri mid-data ta' intimazzjoni gudizzjarja. Izzid illi skont l-Artikolu 1141 (2) tal-Kodici Civili l-imghax jista' f'cirkostanzi simili jiddekorri appuntu minn dik id-data. Oltre dan, tkompli tghid illi una volta iddepozitat is-somma ta' sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000) qabel bdiet il-kawza m'ghandhiex tigi kkundannata thallas imghaxijiet.

Anke f'dan il-kaz il-Qorti taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti. Kien ikollha ragun is-socjeta` appellanti kieku din il-Qorti taqbel illi s-somma li ghandha thallas hi kellha tkun dik li offriet hi u li ddepozitat il-Qorti izda ladarba dan mhux il-kaz, l-appellat ghandu jircievi l-imghaxijiet dovuti minn meta appuntu s-somma li se takkordalu l-Qorti kienet dovuta. Oltre dan japplika wkoll is-sub-inciz (1) tal-artiklu citat mill-appellanti ghaliex trattandosi ta' socjeta` kummercjali, huwa evidenti li l-obbligazzjoni taghha hija wahda kummercjali u allura d-debitu jiddekorri *"minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita."*

Kif gie espress per ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Citadel Insurance v. Johan Ciantar** (**Prim'Awla – 20 ta' Gunju 2002**) li *"meta talba ghall hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jibdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dakinhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzjarju (jekk dan ikun sar) u mhix minn dakinhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont".* Il-Qorti ccitat il-frazi kollha ta' din is-sentenza ghall-korrettezza u kompletezza, izda naturalment l-ahhar parti ta' din ic-citazzjoni ma tapplikax interament ghall-appellanti li hija socjeta` kummercjali kif inghad.

Mhux korretta lanqas is-socjeta` appellanti fir-rigward tad-depositu. L-appellat ma setax jaccetta d-depositu minghajr ma jirrinunzja ghat-talba tieghu kif dedotta; kieku l-Qorti laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta

appellanti, naturalment il-kaz kien ikun differenti u kwindi ma kienx ikun hemm lok ta' kundanna ta' has ta' imghaxijiet kif mitluba.

**Ir-raba' aggravju** kif inghad jirrigwardja l-ispejjez tal-kawza u tenut kont ta' dak li gia` ntqal, ladarba l-Qorti se tichad l-aggravji l-ohra ma hemmx lok ta' tibdil tas-sentenza lanqas f'dan ir-rigward. Anke jekk is-somma akkordata m'hijiex dik mitluba mill-attur appellat fl-intier taghha, kif qalet din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Kummissarju tal-Artijiet v. Emanuel Aquilina,** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001, *"l-ispejjez ma ghandhomx jigu ripartiti semplicement a bazi ta' proporzjon matematiku ghat-talbiet milqugha jew michud jew in proporzjon ghal xi riduzzjoni tas-somma reklamata."* U l-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza **Chetcuti v. Citadel Insurance** gia` msemmija*, ziedet li "Ma teszisti ebda norma ta' dritt talment tassattiva u inflessibbli li ma tippermettix li f'certi kazi l-Qorti adita tippresta l-gudizzju taghha dwar il-kap tal-ispejjez bil-mod kif il-kaz b'konsiderazzjoni maturata jkun hekk koxjenzjozament jiddettalha".*

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li ma tordnax l-isfilz tad-dokumenti esebiti mis-socjeta` appellanti mar-rikors tal-appell taghha ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi l-istess appell billi tichdu u tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata; l-ispejjez tal-appell ukoll a karigu tas-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------